**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Sekondarja Subien / Bniet, tal-Ħandaq, Ħal Qormi**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013/2014**

**Livelli 7–8**

**L-EWWEL SENA** **IL-MALTI** **ĦIN: Sagħtejn u kwart**

**Isem u Kunjom:** ________________________________________ **Klassi:** _______

## Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

**L-ISKEMA TAL-MARKI** *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ(i) | Ċ(ii) | D | Ġ | Smigħ | Oral | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 12 | 16 | 12 | 12 | 8 | 20 | 10 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## TAĦRIĠ IL-FEHEM

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**



Ta' sikwit Pietru kien joqgħod jitlajja barra u jasal l-iskola tard. Malli s-Surmast kien jilmħu dieħel ikaxkar saqajh mal-art, bla għaġla ta' xejn, kien ifur bir-rabja. "Ħaffef, Pietru!" kien jgħidlu, "kemm se ddum dieħel bis-santa fjakka kollha?" ***(par.1)***

Dan kien jiġri xi darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa u s-surmast kien dejjem jilqgħu bl-istess kliem. Imma din il-biċċa tas-santa fjakka dejjem ħawditu lil Pietru. ***(par. 2)***

"Din Santa Fjakka min hi, Sir?" staqsa darba lis-Sur Borg. "Is-Surmast dejjem lilha jsemmili meta niġi tard". "Il-qaddisa protettriċi tat-tfal li jmorru l-iskola tard," qallu s-Sur Borg bid-daħka. Iżda Pietru ma belagħhiex u għalih Santa Fjakka baqgħet misteru. ***(par. 3)***

Imbagħad, jum wieħed, ommu kienet qegħda tnaddaf il-kamra tal-bejt u ġo kaxxetta qadima sabet statwa tat-tafal, kerha daqs id-dlam. Qalet li kienet ta' bużnannitha u li l-familja tagħha dejjem żammitha b'għożża kbira. Kienet statwa ta' mara qasira u ħoxna, b'rasha kbira u wiċċha mfattar. Taħtha kellha dragun bi tlett irjus u idejha kienu marbutin wara daharha ma' zokk ta' siġra. ***(par. 4)***

"Dik min hi, ma?" staqsa Pietru hekk kif raha tfarfarha mit-trab. "Jien ma nafx x'jisimha għax din statwa antika," wieġbet ommu. "Naf biss li dik qaddisa kbira li kien qatilha xi dragun." "Qaddisa dik? Daqskemm hi kerha!" merieha Pietru. "Ara ma ngħidlekx!" ħatfitu ommu, "dik flus kbar tiswa għax antika tabilħaqq." U tassew kellha bokka biha, għax poġġietha fuq l-ixkaffa tal-Madonna bix-xemgħa tixgħel quddiemha. ***(par. 5)***

Imma għandkom tkunu tafu li dik ma kinitx tassew statwa ta' qaddisa. Kienet biss biċċa xogħol **ta' kafkaf** ta' xi dilettant. Lanqas iż-żebgħa ma kienet mogħtija tajjeb għax kellha fuqha tiċlisa sħiħa ta' lwien jgħajtu. ***(par. 6)***

Pietru kien iżjed jistħajjilha maskerun tal-karnival daqskemm kienet sfigurata. Imma din ta' bla isem ma setgħetx tinżillu. Għalhekk waħħal f'rasu li jsibilha isem hu. Ftakar f'Santa Fjakka, li tant kien isemmilu s-Surmast, u ta dan l-isem lil dik il-kruha ta' statwa. ***(par. 7)***

*(Silta meħuda u addattata minn **Il-Bawxati ta' Pietru Pitravu** ta' Carmel G. Cauchi)*

## A. FEHIM IT-TEST (12-il marka)

**1.** Xi tfisser l-frażi: "Pietru kien joqgħod jitlajja barra"?

________________________________________ (marka)

**2.** Kemm-il darba fil-ġimgħa Pietru kien jasal tard l-iskola? *(Immarka t-tweġiba t-tajba)*

**a.** darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa ❑ **b.** darba fil-ġimgħa ❑ **ċ.** kuljum ❑ (marka)

**3.** Mill-ewwel paragrafu, ikteb il-kliem li juri li s-Surmast kien jirrabja ħafna ma' Pietru.

________________________________________ (marka)

**4.** Skont is-sur Borg, ta' xiex kienet protettriċi Santa Fjakka?

________________________________________ (marka)

**5.** Iddeskrivi **fi kliemek** kif kienet l-istatwa li sabet omm Pietru?

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

**6.** X'kienet taf omm Pietru fuq il-qaddisa?

________________________________________ (marka)

**7.** Fejn poġġiet l-istatwa omm Pietru?

________________________________________ (marka)

**8.** X'tifhem bl-espressjoni ***"ta' kafkaf"***? ____________________ (marka)

**9.** Għaliex l-istatwa kienet aktarx miżbugħa minn xi dilettant?

________________________________________ (marka)

**10.** X'taħseb li għamel biha l-istatwa Pietru?

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

## B. GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA: (16-il marka)

**Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Kien lejl tassew impennjattiv għall-pulizija u għall-membri tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar! Fit-3.00a.m. daħlet telefonata fl-għassa ta' Ħal Mitluq tirraporta nirien kbar fi Triq il-Ħarifa. Il-maħżen ta' Pawlu Gatt, il-mastrudaxxa, kien qed jaqbad sew u n-**nierien** bdew jinfirxu anke sa barra t-triq, fejn kien hemm xi karozzi pparkjati. Mill-ewwel investigazzjonijiet ħareġ li n-nar qabad għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu imma malajr infirex minħabba l-injam li kien jinsab fil-maħżen. Is-sitwazzjoni **komplit** tmur għall-agħar hekk kif sar **maruf** li fil-bitħa fuq wara tal-maħżen, kien hemm xi kimika. Fortunatament, il-maħżen jinsab maqtugħ mill-bqija tal-bini ta' madwar, imma l-pulizija xorta evakwat iż-żona minħabba l-periklu ta' xi splużjoni. Sorsi infurmati qalu li Pawlu kien wasal biex jirtira mix-xogħol u jgawdi dak li tant ħadem għalih. Imma **sewa** jgħidu li l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi!

**1.** Ikteb il-kliem **skur u bir-rig taħtu** tajjeb, mingħajr żbalji.

____________ ____________ ____________ ____________ (4 marki)

**2.** Mill-paragrafu t'hawn fuq, ikteb **Nom** li jibda

**i)** b'konsonanti qawwija ________________

**ii)** b'konsonanti ratba ________________

**iii)** b'konsonanti likwida ________________

**iv)** b'konsonanti qamrija ________________ (4 marki)

**3.** Xi jfisser il-qawl: ***Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi***?

________________________________________

________________________________________ (2 marki)

**4.** Ikteb il-mamma u l-għerq ta' dawn il-verbi:

| | MAMMA | GĦERQ | |
|---|---|---|---|
| **i)** jaqbad | __________ | __________ | (2 marki) |
| **ii)** jinsab | __________ | __________ | (2 marki) |
| **iii)** bkew | __________ | __________ | (2 marki) |

## Ċ (i) LETTERATURA – POEŻIJA - Nadriet 1 (12-il marka)

**Di. Il-Poeżija (Nadriet 1 ta' Tarċisju Zarb)**

**1.** Din hija silta mill-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett** ta' **Oliver Friggieri.**

***Kull ġebla tenniet kelma***
***li llum tafha bl-amment,***
***u qaltli biex inwassal***
***lill-kotra dal-<u>lament.</u>***



**a.** Kemm-il sillaba fih l-ewwel vers ta' din l-istrofa u x'jissejjaħ?

____________________________________ ____________________________________

**b.** X'tissejjaħ l-istrofa t'hawn fuq? ____________________________________

**ċ.** X'tissejjaħ ir-rima li fiha din l-istrofa? ____________________________________

**d.** Xi tfisser il-kelma *"**lament**"*? ____________________________________

(marka l-waħda)

**2.** Fil-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem ta' Ġużè Delia,** fejn marru l-għasafar hekk kif it-tfajjel fetħilhom il-gaġġa?

____________________________________________________________________________ (marka)

**3.** Fil-poeżija **Tifħira lil Malta ta' Ġ. A. Vassallo**, x'jgħid li jfisser isem Malta, l-poeta?

____________________________________________________________________________ (marka)

**4.** Fil-poeżija **Il-Ħolma t'Alla ta' Anton Buttigieg**, kif jindirizzah lill-qarrej il-poeta?

____________________________________ . (marka)

**5. Imla l-vojt**

Fil-poeżija **Il-Ħolma t'Alla**, il-poeta jgħidilna li qabel Alla għamel id-dinja, ________________ ħolma. Il-poeta jqabbel lil Alla ma' ___________________ . Jgħidilna li l-__________________ hija l-ħolma t'Alla u li meta mmorru hemm għandna dejjem nimxu bis-skiet u bil-_________________ .

(marka l-waħda)

## Ċ (ii) LETTERATURA – il-Proża: Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi (12-il marka)

**1. Kompli dawn is-sentenzi:**

**a.** Il-familja Debono ltaqgħu ma' Zito ________________________________.

**b.** Salvina kienet mara _____________________________________________ .

**ċ.** Is-Sur Vassallo kien _____________________________________________. (marka l-waħda)

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**a.** Għaliex Zito kien juża l-poter tal-kamuflax?

________________________________________________________________________________ (marka)

**b.** Meta l-mamà weġġgħet sieqha kien Zito li għenha u fejjaqha. Kif għamel dan?

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________ (2 marki)

**ċ.** Min kien Hector Brincat?

________________________________________________________________________________ (marka)

**d.** X'għamel Zito lil Hector meta dan kien se jsawwat lil Stefan?

________________________________________________________________________________ (marka)

**3. Wieġeb (a) jew (b) u ikteb madwar 30 kelma.** (4 marki)

**(a)** It-tifla tas-sur Vassallo kienet għamja. Irrakkonta l-inċident li fih Katya tilfet id-dawl.

**<u>JEW</u>**

**(b)** Fi kliemek irrakkonta kif Zito salva lit-tifel ta' Christine.

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Immaġina li inti Mario/Maria Borg, is-segretarju/a ta' grupp ambjentali fl-iskola tiegħek. Dan l-aħħar ħriġtu bl-idea li tagħmlu attività b'riżq l-ambjent fl-iskola. Ikteb **ittra formali** ta' madwar **60 kelma** lill-kap tal-iskola li fiha tinfurmaha b'din l-attività u bil-proposti tagħkom.

**(Tinsiex tikteb iż-żewġ indirizzi fuq il-linji provduti. Qassam l-ittra fi tliet paragrafi: fl-ewwel paragrafu agħmel introduzzjoni, fit-tieni paragrafu agħmel il-ħsibijiet ewlenin tiegħek, u fit-tielet paragrafu agħmel il-konklużjoni.)**

__________________________

__________________________

__________________________

__________________________

__________________________

__________________________

__________________________

Għażiża Kap tal-Iskola,

Dejjem tiegħek

__________________

__________________

## E. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u **ikteb madwar 150 kelma.**

**(L-ewwel agħmel pjan tal-kitba tiegħek fil-kaxxa li tidher hawn isfel. Wara ikteb il-kitba tiegħek fuq l-istess karta. Ipprova evita l-iżbalji kemm tista' peress li dawn itellfu ħafna marki. Wara li tikteb il-komponiment erġa' duru ftit biex tikkoreġi xi żbalji li qabżulek.)**

1. Il-Milied li għadda qlajt ktieb li għadek titkellem dwaru sallum. Irrakkonta l-istorja u għid x'laqtek l-aktar fih.

2. **Ikteb storja li tibda b'dan il-kliem:**
   Kien il-Karnival u jien u sħabi tlajna l-Belt għall-ewwel darba biex naraw x'ikun hemm. Imma ma kienx Karnival li morna għax.........

3. **Qlajt kastig u ma kienx ħaqqni!**

***Pjan tal-Kitba:***

***Numru tal-komponiment***